7 ta' Mejju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Albert Mizzi ne. *versus* Ronald J. Pace ne.

**Polza tal-Kariku — Trasport ta' Merkanzija — Stivaġġ — Danni — Klawsola ta' l-Eżoneru — Nullità — Bastiment — Armatur — Trasbord — Vetturali Suċċessivi — Kaptan u Ekwipaġġ — Art. 417 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Meta fil-polza tal-kariku jingħad li l-merkanzija ġiet riċevuta abbord f'kondizzjoni apparenti tajba, dan jikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-vettur li hu rċieva abbord fi stat tajjeb il-merkanzija, u fl-istess ħin jimporta l-assunzjoni da parti tiegħu ta' l-obligazzjoni li jikkonsenja dik il-merkanzija fl-istess kondizzjoni fil-fini tal-vjaġġ. U jekk fil-mument tal-konsenja l-merkanzija tiġi misjuba dannewġġjata, tinkombi lill-vettur il-prova li kienet ġà f'dak l-istat meta ġiet karikata; kif ukoll fuqu jaqa' l-piż tal-prova li għal kwalunkwe raġuni oħra hu mhux tenut għal dik il-ħsara.*

*Il-vettur hu responsabili għall-ħsara li tiġri lill-merkanzija minħabba nuqqas tiegħu li juża dik il-prudenza, diliġenza u attenzjoni, li kien imissu juża.*

*Kull klawsola diretta biex teżonera l-armatur mill-ħtijiet tiegħu jew tar-rappreżentanti tiegħu hija nulla. Anki f'każ ta' klawsola li tirrendi l-armatur irresponsabili għall-kolpa jew negliġenza tal-kaptan u ta' l-ekwipaġġ, dik il-klawsola ma tilliberax mir-responsabilità għall-ħsara li tiġri fil-merkanzija mill-fatt volontarju jew kolpuż tal-kaptan; għax klawsola simili, għalkemm tapplika ruħha wkoll għal vizi ta' l-istivaġġ, għax is-sorveljanza ta' l-istivaġġ tidħol fl-attribuzzjoni tal-kaptan, tirrigwarda però l-aċċidentalitajiet tan-navigazzjoni, u ma tistax tillibera mill-konsegwenzi tal-fatt volontarju jew kolpuż tal-kaptan, bħala aġent kummerċjali ta' l-armatur, kif inhu l-istivaġġ ħażin tal-merkanzija.*

*Meta l-merkanzija tiġi trasportata minn żewġ vetturi f'servizz kumulativ, l-ewwel vettur, li jkun assuma t-trasport, jirrispondi, minħabba l-unità essenzjali tal-vinkolu ġuridiku, anki għall-vetturi suċċessivi, u huwa responsabili anki tal-ħsarat li l-merkanzija tirriporta fit-trasbord, naturalment fl-assenza ta' patt espress li je-*

***tonera l-ewwel bastiment milli jirrispondi għall-merkanzija wara t-trasbord. U kull vettur suċċessiv jirrispondi għall-vettur jew vetturi l-oħra suċċessivi, salv ir-regress lejn il-vettur responsabili, u, f'każ ta' vetturi oħra intermedjarji, anki r-regress kontra dawn.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi fit-3 ta' Lulju 1952 waslet f'Malta, fuq il-vapur "Marte", destinata għalih, kwantità ta' Galvanised Plain Iron Sheets, oriġinarjament mgħobbija fi tmien "crates", tal-piż ta' 18,607 lbs.; u li parti minn din il-merkanzija, konsistenti f'236 folja, minħabba li ġiet stivata ħażin, u minħabba li, meta ġiet skarikata, tpoġġiet fuqha merkanzija oħra tqila, kif ukoll għal kawżi oħra li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża, ġiet danneġġjata u saret inservibili; u li hu konsegwentement sofra danni, konsistenti fil-prezz u spejjeż aċċessorji minnu mħallsa u fil-perdita tal-profitti; talab illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabili ta' l-istess danni fuq imsemmija, li jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju jew f'ieħor separat. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest ta' l-10 ta' Lulju 1952;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża, kif jirriżultaw mill-provi orali u dokumentali, huma fil-qosor dawn: L-attur xtara partita ta' tmien tunellati Plain Galvanised Iron Sheets, li ġiet karikata f'Kobe, Japan, fis-16 ta' Marzu 1952, fuq il-vapur Amerikan "President Taft", u skond il-polizza oriġinarja, "through bill of lading", il-vettur impenja ruħu li jwassal il-merkanzija sa Malta bi trasbord f'Ġenova. Il-merkanzija waslet f'Malta fuq il-vapur "Marte", rakkomandat lid-ditta konvenuta, u ġiet skarikata fit-2 ta' Lulju 1952, u ritirata mill-attur nomine kontra preżentazzjoni tal-polza tal-kariku. Il-merkanzija waslet mingħajr il-"crates", u għalhekk il-konsenja kellha ssir in bażi tal-piż, li kellu neċessarjament jiġi stabbilit għall-finijiet ta' l-assikurazzjoni, u kienet ukoll danneġġjata, billi kellha tbajja' li minħabba fihom inqalgħet il-galvanizzatura minn wiċċ il-folja;

Ikkunsidrat;

Illi fil-"polizza di carico" jingħad li l-merkanzija ġiet ri-

ċevuta "in apparent good order and condition", u jingħad ukoll "This is a shipped on board bill of lading"; u dana jikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-vettur li hu rċieva abbord, apparentement fi stat tajjeb, il-merkanzija, u fl-istess ħin l-assunzjoni da parti tiegħu ta' l-obbligazzjoni li jikkonsenja dik il-merkanzija fl-istess kondizzjoni fil-fini tal-vjaġġ; u jekk fil-mument tal-konsenja l-merkanzija tiġi misjuba danneġġjata, tinkombi lilu l-prova li kienet ġa f'dak l-istat meta ġiet karikata, kif ukoll fuqu hu l-oneru tal-prova li għal kwalunkwe raġuni oħra hu mhux tenut għal dik il-ħsara. U difatti, fl-art. 417 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, jingħad li "Il-polza tal-kariku tagħmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-tagħbija, kif ukoll bejniethom u l-assikuraturi, bla ħsara tal-prova kuntrarja";

Skond liġijiet oħra, per eżempju l-liġi taljana, diversa minn tagħna fis-sens illi ma hemmx fid-dispożizzjoni analoga l-kliem "bla ħsara tal-prova kuntrarja", il-"polizza di carico" hija anzi munita, fir-rapporti interċedenti bejn il-partijiet interessati u l-aventi kawża tagħhom, bil-preżunzjoni "juris et de jure" ta' verità, salvi ftit eċċezzjonijiet, fosthom, ad eżempju, meta, anki mingħajr il-klawsola "dice essere" relativament għall-kwalitajiet esterni u apparenti, il-kaptan jista' jiġi ammess jipprova illi l-kwalitajiet interni u intimi tal-merkanzija karikata ma kienux jikkorrispondu għall-enunċjazzjoni li ġiet magħmula mill-karikatur fil-polizza (Pipia, Vol. I, paġ. 701 u 702);

Illi anki skond il-ġurisprudenza Ingliża, kif jirriżulta mill-awtoritajiet ċitati mill-perit ġudizzjarju, u anki minn oħrajn li ma hemmx bżonn li jiġu wkoll ċitati, meta mill-"polizza di carico" jirriżulta illi l-merkanzija tgħabbiet "in apparent good order and condition", l-onere tal-prova li l-merkanzija kienet danneġġjata meta ġiet karikata, jew li d-dannu avvera ruħu mingħajr kolpa jew assentiment tal-vettur, jiggrava lil dan;

Illi, però, fil-każ li qiegħed jiġi diżaminat, ġie stabbilit illi ma' l-istess vapur "Marte", li fuqu waslet f'Malta l-merkanzija in kwistjoni, il-vettur ittrasporta partita bhejjem ħajjin, li vvjaġġaw ma' l-istess merkanzija u ġew ukoll skarikati

**Malta**, u mill-perizja li ġiet adoperata jirriżulta li kienet appuntu l-karikazzjoni ta' dawn il-bhejjem il-kawża diretta u immedjata tal-ħsara li nstabet fil-merkanzija, billi rriżulta illi t-tbajja' fuq riferiti, li kkaġunaw id-dannu fuq deskritt, kienu tbajja' kaġunati mill-eskrementi tal-bhejjem;

Illi għalhekk jirriżulta wkoll assodat li l-vettur hu responsabili għall-ħsara fuq indikata, billi, meta ikkarika l-bhejjem mal-merkanzija, naqas jużа dik il-prudenza, diliġenza u attenzjoni li kien imissu jużа, billi naqas jieħu dawk il-prekawzjonijiet użwali neċessarji fl-istivaġġ ta' l-istess merkanzija, minħabba l-preżenza tal-bhejjem...........;

Illi kull klawsola diretta biex teżonera l-armatur mill-ħtijiet tiegħu, jew tar-rappreżentanti tiegħu, hija indubbjament nulla, anki bl-akbar rispett lejn il-libertà tal-konvenzjonijiet; u dana għaliex il-pattijiet fil-"polizza di carico", bħall-konvenzjonijiet kollha, għandhom ma jkunux kuntrarji għall-liġi, għall-bwon kostum, u għall-ordni publiku, u huwa prinċipju ta' dritt merkantili li l-klawsoli ta' eżoneru ma jeżimix mir-responsabilità meta jkun hemm "breach of contract or duty";

Illi anki f'każ ta' klawsola li tirrendi l-armatur irresponsabili għall-kolpa jew negliġenza tal-kaptan u ta' l-ekwipaġġ, dik il-klawsola ma tilliberax mir-responsabilità għall-ħsara bħal dik li ġrat fil-każ li qiegħed quddiem il-Qorti, billi hu risaput illi klawsola simili, għalkemm tapplika ruħha wkoll għall-vizzji ta' stivaġġ, għaliex is-sorveljanza ta' l-istivaġġ tidħol fl-attribuzzjonijiet tal-kaptan, tirrigwarda però l-aċċidentalitajiet tan-navigazzjoni, u ma tistax tillibera mill-konsegwenzi tal-fatt volontarju jew kolpus proprju tal-kaptan bħala aġent kummerċjali ta' l-armatur, kif huwa l-istivaġġ ħażin. F'dan is-sens ġiet riżoluta l-kwistjoni anki mil-liġi Amerikana, magħrufa bħala "Harter Act";

Illi, kif ġa fuq ġie aċċennat, fil-każ preżenti t-trasport tal-merkanzija ġie effettwat minn żewġ vetturi f'servizz kumulativ. Il-merkanzija, minn fuq il-vapur "President Taft", ġiet trasbordata fuq il-vapur "Marte" tal-kumpannija rappreżentata mid-ditta konvenuta, skond il-fakoltà konċessa lill-armatur mill-polizza primitiva, "through bill of lading".

F'każijiet bħal dawn, l-ewwel vettur, li jkun assuma t-trasport, jirrispondi, minħabba l-unità essenzjali tal-vinkolu ġuridiku, anki għall-vetturi suċċessivi, u huwa responsabili anki għall-ħsarat li l-merkanzija tirriporta fit-trasbord — naturalment fl-assenza ta' patt espress li jeżonera l-ewwel bastiment milli jirrispondi għall-merkanzija wara t-trasbord, patt li indubbjament hu validu; u kull vettur suċċessiv jirrispondi għall-vettur jew vetturi l-oħra suċċessivi, skond il-prinċipju illi l-vettur jirċievi l-merkanzija mhux biss f'ismu u akkont tiegħu proprju, imma anki għan-nom u akkont tal-vetturi suċċessivi; u għalhekk, di fronti għall-karikatur u għall-portatur tal-polizza, huma diret:ament responsabili tant l-ewwel kemm l-aħħar vettur, salv ir-regress lejn il-vettur responsabili, u, f'każ ta' vetturi oħra intermedjarji, anki r-regress kontra dawn (Pipia, op. ċit., Vol. I, paġ. 862-864);

Illi għalhekk l-azzjoni ġiet sewwa eżerċitata kontra l-konvenut nomine; u dan appari l-fatt li l-provi jiddimostraw illi d-dannu lill-merkanzija ġie kaġunat fuq l-imsemmi vapur "Marte";

Għall-motivi premessi;

Fil-kontumaċja tal-konvenut nomine;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, fis-sens li tiddikjara l-konvenut nomine responsabili tad-danni li minnhom l-attur jilmenta fl-att taċ-ċitazzjoni, li jiġu likwidati f'ġudizzju ieħor separat. Bl-ispejjeż.